## Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 5 ta' Dicembru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**vs**
**Vamiasse Sylla**
**Amanueal Tesfamichael**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Vamiasse Sylla**, ta' 33 sena mill-Kosta tal-Ivorju, iben Lacina u Alaman, imwieled Tieme', Kosta tal-Ivorju nhar id-19 ta' Ottubru, 1988, prezentament bla residenza fissa, u detentur ta' Numru tal-Pulizija 19F-059'; u

**Amanueal Tesfamichael,** ta' 18 sena, mill-Eritrea, iben Tesfamichael u Trhas, imwieled Dambaendasiase nhar is-7 ta' Jannar, 2003, prezentament bla residenza fissa, u detentur ta' Numru tal-Pulizija 20N-063.

Akkuzati talli fl-04 ta' Dicembru, 2021 u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Kellhom f'idhom Passaport maħruġ minn awtorià kompetenti, jew li, ittrasferixxu dan il-passaport lil persuna oħra jew irċevew passaport li ġie ittrasferit lilhom minn persuna oħra;

2. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu użu jew ittantaw li jagħmlu użu minn Passaport maħruġ lil persuna oħra;

3. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi taw prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali ta' kull wiehed minnhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tagghhom u tikkundannahom sitt (6) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**